**14 ta' Frar, 1994**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Maurice Mifsud Bonnici *noe*

*versus*

Edgar Bonnici Cachia

**Assunzjoni ta' l-Atti - Nullità o meno meta ma ssirx - Trasfużjoni tal-Ġudizzju**

*Meta jkun hemm bidla fir-rappresentanza tal-parti in kawża, u din ma tiġix riflessa fl-atti, normalment dak in-nuqqas ma jġibx sanzjonijiet ta' nullità ta' l-atti għaliex bidla fil-persuna tar-rappreżentant ma taffettwax il-partijiet fil-kawża.*

*Biex tiġi kkontemplata nullità jrid jiġi ppruvat illi dik il-bidla fir-rappresentanza rrekat preġudizzju lill-parti l-oħra, liema preġudizzju ma jistax jiġi rrimedjat ħlief bis-sanzjoni tan-nullità.*

*L-assunzjoni ta' l-atti m'għandhiex l-istess effetti li l-liġi stess tikkontempla fil-każ ta' mewt ta' xi waħda mill-partijiet fil-kawża, meta tipprovdi ampjament għat-trasfużjoni ta' dawk l-atti li jkunu saru f'isem il-mejjet billi hawn si tratta ta' bidla fil-partijiet in kawża.*

*Fin-nuqqas ta' assunzjoni għalhekk ma kinitx neċessarjament issegwi n-nullità mitluba.*

Il-Qorti: –

1. Il-konvenut fis-6 ta' Frar, 1986, ġie mħarrek quddiem il-Qorti tal-Kummerċ biex jiġi kkundannat iħallas lill-Korporazzjoni total ta' tnax-il elf, sitt mija u erbgħa u sittin lira, sebgħa u erbgħin ċenteżmu u ħames milleżmi (Lm12,664.47ċ5m) għal diversi servizzi konċessi fuq il-linji ta' telefon 516694 u 516669 u *telex* 1596;

*Omissis;*

B'digriet tat-8 ta' Ottubru, 1986, ġiet milqugħa t-talba tal-konvenut għall-kjamata fil-kawża ta' Stephen Micallef, personalment u bħala rappreżentant tas-soċjetà *Inter Commercial Enterprises Limited.* In-notifiki ta' dawn il-kjamati ma saru qatt, għalkemm l-istess Stephen Micallef fl-24 ta' Frar, 1988 xehed fil-kawża, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju. Ħadd ma nnota li huwa kien ġie kkjamat fil-kawża – fil-vesti doppja msemmija. Huwa stess probabbilment ma kienx jaf li kien effettivament konvenut;

Fil-11 ta' Lulju, 1991, l-ewwel Qorti ppronunzjat is-sentenza tagħha li biha laqgħet it-talbiet attriċi;

*Omissis;*

5. Il-konvenut appella u ssottometta illi:

(a) Is-sentenza hija nulla għaliex l-attur m'għadux jirrappreżenta s-soċjetà attriċi b'effett minn Mejju 1987 u ma saret ebda leġittimazzjoni ta' l-atti tal-kawża, u;

(b) Il-leġittimu kontradittur tas-servizz telefoniku kien ħaddieħor u mhux l-appellant;

6. Is-sentenza appellata ngħatat b'dan l-*occhio:*

"Maurice Mifsud Bonnici għan-nom u in rappresentanza tal-Korporazzjoni *Telemalta vs* Edgar Bonnici Cachia";

Issa huwa korret dak li ssottometta l-appellant u ċjoè illi Maurice Mifsud Bonnici sa mill-1987 ma baqax jirrappreżenta l-Korporazzjoni attriċi, tant illi a fol. 52 ta' l-inkartament tinsab "Nota ta' John A. Scicluna" li biha ried jassumi l-atti tal-Kawża għan-nom tal-Korporazzjoni. Però din in-nota qatt ma ġiet ippreżentata fir-Reġistru jew f'idejn reġistratur, kif trid il-liġi, imma ġiet presumibbilment mogħtija lill-Assistent Ġudizzjarju li aċċettaha – immarkaha bħala Dokument TD10 u niżżel notament li jgħid "Ippreżentata mill-attur 17-7-1987";

Naturalment qed jingħad "presumibbilment" għaliex il-firma ta' l-Assistent Ġudizzjarju ma tidher imkien u m'hemm ebda kontroll tal-presenza ta' din l-iskrittura fl-inkartament inkwantu għalkemm l-Assistent Ġudizzjarju kien awtorizzat li jirċievi dokumenti, ma kienx awtorizzat li jirċievi skritturi bħal ma hija nota ta' assunzjoni ta' atti;

7. Meta jkun hemm bidla fir-rappresentanza tal-parti in kawża, u din ma tiġix riflessa fl-atti, normalment dak in-nuqqas ma jġibx sanzjonijiet ta' nullità ta' l-atti għaliex bidla fil-persuna tar-rappreżentant ma taffettwax il-partijiet fil-kawża. Biex tiġi kkontemplata nullità jrid jiġi ppruvat illi dik il-bidla fir-rappresentanza rrekat preġudizzju lill-parti l-oħra, liema preġudizzju ma jistax jiġi rrimedjat ħlief bis-sanzjoni tan-nullità,

anki għaliex il-korretezza tar-rappresentanza tinteressa primarjament lill-persuna rappreżentata u l-aktar li jrid jiġi protett huwa dak l-interess;

Għalhekk l-assunzjoni ta' l-atti m'għandhiex l-istess effetti li l-liġi stess tikkontempla fil-każ ta' mewt ta' xi waħda mill-partijiet fil-kawża, meta tipprovdi ampjament għat-**trasfużjoni** ta' dawk l-atti li jkunu saru f'isem il-mejjet billi hawn *si tratta* ta' bidla fil-partijiet in kawża (artikoli 806 sa 810 Kap. 12). Fuq in-nuqqas ta' assunzjoni għalhekk ma kinitx neċessarjament issegwi n-nullità mitluba;

8. Hawnhekk, però, id-difett li ma jistax jissewwa fis-sentenza, qiegħed fl-ommissjoni mill-*occhio* ta' "Stephen Micallef f'ismu proprju u in rappresentanza ta' *Inter Commercial Enterprises Limited*" billi dawn saru partijiet in kawża bis-saħħa ta' digriet tat-8 ta' Ottubru, 1986, u s-sentenza appellata trid tagħmel stat fil-konfront tagħhom ukoll u mhux tal-konvenut appellant biss. Billi huma qatt ma ġew innotifikati bl-atti tal-kawża ma jfissirx li m'humiex partijiet fiha, speċjalment fil-każ preżenti fejn il-kjamat Micallef xehed fuq il-mertu tad-debitu tiegħu *proprio* u *nomine* u ġew esebiti dokumenti TD1 u TD2 ta' rilevanza kbira, għas-soluzzjoni ġusta tal-kwistjoni kollha;

9. Jidher ċar illi ħadd mill-partijiet ma ppresta l-attenzjoni neċessarja għall-konduzzjoni xierqa tal-kawża u l-effett huwa manifest;

10. Għalhekk din il-Qorti m'għandhiex triq oħra ħlief li tannulla s-sentenza appellata. L-atti huma rinvjati quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti għall-konsiderazzjoni ulterjuri tal-

vertenza u l-eventwali deċiżjoni. Spejjeż taż-żewġ istanzi bla taxxa bejn il-partijiet.